MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 96/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Alexander AZZOPARDI [ID. Nru. 555264M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fis-7 ta' Frar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' hames mija tlieta u tmenin euro u hamsa u tmenin centezmi ta' euro [€583.85] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija tlieta u tmenin euro hamsa u tmenin centezmu (€583.85) skont prospett hawn anness u markat Dok. A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz tat-televizjoni, numru tal-kont A/C 80011188,

moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi;

Ra n-nota ta’ ammissjoni tal-konvenut pprezentata fis-seduta ta’ l-4 ta’ Lulju, 2012 u li permezz taghha talab li huwa jhallas s-somma mitluba f’pagamenti mensili ta’ hamsin ewro (€50)-il wiehed u li jekk huwa ma jhallasx pagament wiehed allura l-ammont kollu jigi dovut.

Ra li d-difensur tas-socjeta attrici l-Avukat Dott. Ingrid Zammit Young irrimettiet ruhha ghal din id-dikjarazzjoni.

Illi ghalhekk, in vista ta’ din l-ammissjoni t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jghid li l-ammont huwa dovut u li l-konvenut ghandu jhallas dan l-istess ammont.

Ghar-rigward tat-talba tal-konvenut li huwa jhallas l-ammont dovut minnu f’pagamenti mensili ta’ hamsin euro (€50)-il wiehed, in vista tad-dikjarazzjoni maghmula mis-socjeta attrici tramite d-difensur taghha, it-Tribunal jilqa t-talba, u jordna li l-istess konvenut ihallas l-ammont minnu dovut f’pagamenti mensili ta’ hamsin euro (€50) b’dan illi jekk huwa jonqos imqar f’pagament wiehed allura huwa jitlef il-beneficcju tat-terminu u l-ammont kollu li jkun ghad fdal jigi dovut f’daqqa.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ hames mija tlieta u tmenin euro u hamsa u tmenin

centezmi ta' euro [€583.85] bl-imghax kif mitlub b'dan illi l-konvenut ghandu jhallas l-ammont dovut minnu f'pagamenti mensili ta' hamsin euro (€50)-il wiehed, u f'kaz li huwa jonqos imqar f'pagament wiehed allura huwa jitlef il-beneficcju tat-terminu u l-ammont kollu li jkun ghad fdal jigi dovut f'daqqa.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------